MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 225/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Peter Stroud**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 574850M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' dawn il-gzejjer u cioe` nhar it-22 ta' Marzu, 2003 fi Triq Sant Andrew, Pembroke ghall-habta tat- 3.30pm;

B' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni teighu, jew b' nuqqas ta' thairs ta' regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Franco Marco D' Agatha, u dan bi ksur ta' Artikolu 225 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Mejju, 2011 fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati tal-akkuza migjuba konra tieghu u illiberatu mill-istess akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-20 ta’ Mejju, 2011 fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka is-sentenza appellata u minflok ssib lil imputat appellat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tinfliggi fuqu l-piena u l-konsegwenzi idoneji kollha skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

1. Qabel xejn l-imputat appellat, kontra dak imsemmi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ammetta hu stess fix-xhieda tieghu li huwa ‘producer u director ta’ produzzjonijiet televizivi’. Ghalkemm jghid li l-produzzjoni tal-Film ‘F’ Bahar wiehed’ kienet f’ idejn Image 2000 li direttrici taghha jghid li hija certa Marika Mizzi, jirrizulta wkoll mill-istess deposizzjoni teighu li kien hu personalment li kien qed jidderiegi l-produzzjoni ghal NET Television. Mill-provi jirrizulta li fil-post fejn kien qed jingibed dan il-film kien hemm l-imputat appellat bhala l-persuna responsabbli mill-istess filming. Apparti minn hekk ix-xhieda f’ dan il-kaz imkien ma jsemmu li din Marika Mizzi, b’ xi mod kienet fuq il-lok ta’ fejn kien qed isir dan il-filming, jew li kienet hi responsabbli mill-produzzzjoni tal-istess filming. It-tmun kien f’ idejn l-imputat.
2. Minn qari tax-xhieda kollha mibgura f’ dan il-process, u senjatament dik migbura matul l-inkjesta Magisterjali, cioe ` dik li kienet aktar friska f’mohh il-persuni kollha involuti f’ dan il-kaz, jidher bic-car li dak mistqarr mill-imputat appellat dwar ix-xeni li kellhom jingibdu mhux ghal kollox korroborat mix-xiehda ta’ Julian Tabone u Simon Attard – ossia dawk l-istess nies li kellhom iwettqu s-sewqan tal-muturi u cioe` l-atturi principali f’ dan il-filmat li kellu jsir.
3. Hemm qbil li parti minn dan il-filming kellha tinkludi xena ta’ tlett muturi jduru mit-triq principali lejn id-direzzjoni tal-Luxol Grounds. Izda l-imputat appellat ma

jghdix verament dawk il-manuvri li l-muturi kellhom jaghmlu ghall-fini ta’ din il-produzzjoni qabel ma jidhlu fil-Luxol Groudns u wara li jkunu dahlu. Ghal dawn id-dettalji trid issir riferenza ghax-xhieda ta’ Julian Tabone u ta’ Simon Attard.

4. Julian Tabone juri li din ix-xena kellha tingibed ma kellhiex xena semplici ta’ tlett muturi jsuqu. Anzi kellha tkun:

a. ‘kont miftiehem mas-Sur Stroud li jkur “filming” ta’ incident fil-Luxol Sports Grounds li kien jinvolvi mutur tieghi stess jaqa ghal isfel. Wara kellu jsir il-filming tax-xena ta’ qabel dehlin fil-Luxol Grounds. Il-pjan kien li l-‘filming’ isir kollu fil-grounds’.

b. ‘il-filming tal-muturi li kien imiss kien ta’ muturi qed jinsaqu normali fit-triq u ghalhekk hrigt bl-idea li jibduh fit-triq lejn il-Grounds u nduru lejn il-Grounds’.

c. ‘Ahna kellna suppost nitilghu qisu qed intellqu u mbghad nidhlu fil-Grounds pero` speed ma keinx hemm. Jigifieri kellu jkun hemm impressjoni ta’ tellieqa u mhux vera tellieqa.’

d. Minhabba li kellha ssir din il-manuvra, jirrizulta li Simon Attard, wihed mis-sewwqieqa hass li kien hemm riskju ghal din il-manuvra li kellhom jaghmlu tant li talab biex it-traffiku li kien gej mid-direzzjoni ta’ St. Andrews kellu jitwaqqaf. “Kulhadd qabel ghalkemm Simon ghamel rikjesta li t-traffiku gej minn St. Andrews lejn San Giljan jigi mwaqqf biex nistghu nibqghu dehlin hemm. Ikun ahjar nghid li Simon tkellem b’ mod generali u x’ gara ma nafx u t-triq ma nghalqitx. Kulhadd kien kuntent bis-sitwazzjoni kif kienet”.

5. Illi dan juri li l-manuvra li kellha ssir ma kienetx wahda ta’ sewqan normali. Fil-fatt kieku kienet ta’ sewqan normali fit-triq ma kienx jaghmel sens li wiwheed mis-sewwieqa tal-muturi stess ihoss il-htiega li t-triq tigi maghluqa ghat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta! Dan juri bic-car li hemmhekk fuq il-post, il-manuvra kienet tidher ta’ certa perikolozita.

6. Il-fatt li Simon Attard issuggerixxa li tinghalaq it-triq tohrog bid-deposizzjoni tieghu stess fejn jghid li “Parti mill-iscript kienet li ninzlu lejn it-traffic lights induru u jiffilmjawna nduru lejn il-Grounds tal-Luxol. Jien issuggerejt li tinghalaq parti mit-triq – cioe` dik il-parti fejn

konna se nsuqu.”Anzi fid-deposizzjoni tieghu matul l-istruttorja Simon Attard itenni li:
“Mela, bil-malti ahna suppost li kellna niffilmjaw gol-Luxol Grounds, u xi hadd issuggerixxa li ssir fit-triq. Jiena ghedtilhom “Issir fit-triq, pero` t-triq trid tinghalaq...
Qorti : Ghaliex?
Xhud: Mhux safe hux. Umbghad ma nafx minn irrisponda u qal “Imma imbghad ma tkunx realistika.”...

7. Din l-istess verjoni tal-fatti li kellha ssir tellieqa jghidha l-istess Simon Attard lill-Pulizija fis wara l-incident. Dan jirrizulta mill-okkorrenza prezentata minn PC1492 Joseph Pace fejn simon Attard jigi kkwotat jghid li “The sequence was supposed to have both drivers competing on their way up and I was supposed to turn towards the grounds first”.

8. L-imputat appellat jikkoncedi ftit minn dan meta jghid li kellu jkun hemm bdil fil-koreografija fis-sens li “fejn qabel forsi kienu ser jimplika, issa kienet mhix tellieqa”. Hawnhekk fil-frazi difensiva “forsi kienu” u l-espressjoni “mhix tellieqa” l-imputat appellat jikkonferma dak li Julian Tabone u Simon Attard jghidu dwar is-sekwenza kif kellha tkun iffilmjata u kif kellhom isiru dawn l-istunts.

9. Dan fil-fatt jaghmel sens meta wiehed jikkonsidra illi, skond id-deposizzjoni ta’ Edwarde Joseph Blockstock, Franco Marco D’Agatha, f’dik il-parti tat-triq fejn sehh l-incident deher li huwa prova jaghamel manuvra ta’ sorpass tal-mutur misjuq minn Simon Attard. U din il-manuvar marret zmerc tant li waslet lil D’Agatha mhux biss li jaqa minn fuq il-mutur izda li jispicca milqut mill-vettura BBK-195 misjuqa mill-istess Edward Joseph Blockstock.

10. Dan l-impatt kiene wiehed vjolenti. Dan jidher mill-konsegwenzi sofferti minn Franco Marco D’Agatha u l-muturi li spiccaw mal-art. Izda dan l-impatt kien ukoll percepit immedjatament minn Julian Tabone li kien vjolenti tant li jghid “Hadt impressjoni ta’ daqqa tajba. X’gara mill-muturi ma nafx. Naf li kif laqat Marco mal-karozza hareg immedjatament hafna demm mill-helmet. Mort wara l-karozza u poggejt fuq ic-cint ghaliex mal-ewwel ghedt f’ mohhi dak mejjet”. Din ir-reazzjoni jixheda wkoll Simon Attard li jghid li wara li qam min mal-art wara

l-waqa` u tkaxkira, “Rajt lil Julian qed jibki bilqeghda fuq cint u qalli taersaqx l’ hemm”.

11. Illi l-esponent jirrileva li f’ dan il-kaz, l-iskop tal-filmat kollu kellu jkun li jinvolvi stant li tibda mit-triq f’forma ta’ tellieqa u li tispicca b’manuvra ta’ attraversament lejn il-Luxol Grounds, minn fejn il-mutur ta’ Julian Tabone, kellu ‘jaqa ghal isfel’. Din il-manuv ra ma kienetx tinvolvi manuvra ta’ sewqan ‘normali’ ta’ muturi fit-triq. Kieku kienet daqsekk semplici ma kienx jinhass il-htiega ghal wiehed minn dawn is-sewwieqa li jitlob li t-traffiku gej mid-direzzjoni opposta jigi mwaqqaf. Biss peress li l-imputat appellat ried lix-xena tkun kemm jista` jkun realistika u li ma tidherx ‘made up’ ghazel li, minkejja r-riskju li kien hemm, u li kien evidenti tant li wiehed mis-sewwieqa innutah, minflok isegwi l-parir ghaqli ta’ dan ic-ciklist, ghazel li jippreferi x-xena realistika tat-trif bit-traffiku ghaddej. U dan ikkontribbwixxa ghalbiex isehh dan l-incident fatali. U dan peress li l-incident fatali sehh meta Franco Maria D’ Agatha laqat il-vettura BBK195 – liema vettura, kieku t-triq kienet maghluqa ghat-traffiku gej mill-karreggjata opposta ma kienetx tkun tista tghaddi. Fil-fatt ghalkemm kulhadd jghid li dawn il-manuvri ma kellhomx isiru b’ velocita gholjha, jidher li anke skond l-istess imputat appellat, ikkalkula li minn distanza ta’ 500 metru l-boghod minn fejn kienu bdew jigu ffilmjati l-muturi sal-punt fejn kellhom iduru lejn il-Luxol Grounds, ikkalkulha li kellhom jaghmluha f’ madwar hames sekondi kollox. Skond hu, ghalhekk, kellhom jaghmlu mitt metru fis-sekonda. Qajla hija velocita baxxa.

12. Jirrizulta wkoll mill-provi li l-imputat appellat, ghal xena migbuda precedentament kien jaf li t-triq tista` tigi maghluqa, anke bl-assistenza tal-forzi tal-ordni, biex ma jkunx hemm perikolu ghal min ikun qieghed jiehu sehem f’dan il-filming.

13. Ix-xhieda kollha jaqblu li kien l-imputat appellat li kien id-direttur tal-filming u li kien ikun fuq il-post fejn isir il-fliming jaghti d-direzzjonijiet ta’ dak li ghandu jsir u ma jsirx. Dan kien jaghmlu ghaliex il-produzzjoni tal-filming kien responsabbli ghaliha hu u hu kien ikun insitu.

14. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) tenniet li skond ir-relazzjoni teknika prezentat fil-Process Verbal, irrisulta li l-incident sehh unikament tort ta’ Marco D’ Agatha, u dik il-

Qorti qablet perfettament mieghu. L-esponenti jaqbel li Marco D' Agatha, bhala s-sewwieq tal-mutur in kwistjoni kien ukoll responsabbli ghall-istess incident. Biss ma jaqbilx li l-kontribuzzjoni tieghu ghall-akkadut tinnevtralizza ir-responsabbilita tal-imputat appellat bhala dak li kien qieghed jidderigi l-produzzjoni ta' dan il-filming, li jara li dawk il-persuni involuti u ingaggjati biex jiehdu sehem fil-produzzjoni ma jkorrux. L-esponent ma jemminx li l-imputat appellat ma kienx jaf minn qabel bil-manuvri li kellhom isiru bil-muturi f' dan il-kaz. Il-bdil fil-koreografija u dak li kellu jsehh sar ukoll bil-barka tieghu. Izda biex ix-xena tkun aktar realistika naqas milli jiehu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega fic-cirkostanzi biex dawk li kienu qed jigi mqabbda biex jiehdu sehem fil-produzzjoni diretta minnhu stess ma jkorrux.

15. Il-manuvra kif deskritta minn dawk stess li kellhom jaghmluha, cioe Simon Attard u Julian Tabone, bid-dovut rispett tinkwadra kjarament fil-parametri tad-definizzjoni moghtija mill-Qorti stess fis-sentenza taghha bhala 'stunt'. Wara kollox kienu gew imqabbdin D'Agatha, Attard u Tabone minhabba l-ispecial skill taghhom li jsuqu muturi f' dan il-kuntes artistiku ghal produzzjoni televiziva. U l-manuvra mehtiega kienet 'an act requiring a special skill' li ma kellhiex issir bil-karozzi ghaddejjin fuq il-karregjata opposta – ergo t-talba ta' Simon Attard biex it-traffiku oppost jigi mwaqqaf. Fl-umli fehma tal-esponent, ix-xewqa tal-imputat appellat li x-xena tkun realistika kemm jista` jkun ghalqitlu ghajnejh ghar-riskju li kien qieghed jissoggetta lin-nies li kellhom jiehdu sehem f' din il-produzzjoni. U b'xorti hazina, sehh l-inkubu, li setgha jigi evitat kieku l-imputat ezercita dak li d-diligenza u l-prudenza kienu jehtiegu minnu fic-cirkostanzi tal-kaz.

16. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghamlet referenza ghall-'Code of Practive for Film Makers'. Dan il-kodici ta' prattici jghamel riferenza ghal 'producer'. Mill-provi ma jidherx min kienet il-Film Producing Company. Mix-xhieda ta' l-imputat appellat stess jirrizulta li dawk li huwa sejjaah bhala producer kienet 'Image 2000' li d-direttur taghha hija certa Marika Mizzi. Pero` minn imkien ma jidher li din Image 2000 hija xi kumpanija. Apparti minn hekk, gie pruvat li kien l-imputat appelat li kien fuq il-post fejn ittiehdu d-decizjonijiet ta' kif kellhom isiru l-manuvri u kien

hu li fl-ahhar mill-ahhar ha d-decizjoni finali dwar il-gbid tal-film minghajr ma ttiehdu l-prekawzjonijiet inkombenti mill-Ligi. Hu accetta li jigu ngaggati Simon Attard u Franco D'Agatha bhala extras ghall-hila specjali taghhom li jsuqu l-muturi. L-esponenti itenni li ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi, nonche dawk tal-Kodici ta' Prattici imsemmi aktar il-fuq, fic-cirkostanzi tal-kaz, il-producer ta' dan il-filming ma kien hadd hlief l-imputat appellat, li fuqu assuma r-responsabbilitajiet naxxenti mill-'Employment and Industrial Relations Act, 2002' kif ukoll mill-'Occupational Health and Safety Act, 2000'. F' dak il-mument partikolari meta ttiehdu d-decizzjonijiet dwar il-bdil fil-koreografija, u dwar il-manuvri li kellhom isiru kien hu l-persuna li, fl-ahhar mill-ahhar kienet responsabbli biex tassigura adezjoni ma dawn il-ligijiet intizi biex jipprotegu lil min jipresta servizz fl-isfera tal-produzzjoni maghumulha.

17. Il-kazistika Maltija wkoll tpoggi piz serju fuq min ikun naqas milli jagixxi skond il-Ligi u minhabba f' hekk isehhu incidenti fatali. Hekk per ezempju "il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Lulju, 1998 fejn inghad is-segwenti:

*"Skond l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, sabiex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju, hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqs ta' osservanza tal-lgiijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, lit kun segwita, b'ness ta' kawzalita`, minn akkadut dannuz involontarju. Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz, hemm necessarjamnet l-element ta' attivita' dirett ghal xi fini partikolari li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjonijiet jistghu jigu lezi jew danneggjati jew ippregudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karatteristiku tal-kulpa hu l-previdibbilita' ta' l-event dannuz li kondotta illegali ta' xi hadd tista` ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha colpa incosciente a differenza minn dik imsejjha colpa coscienti li hija l-kupa lb-element fiha tal-prevvist ta' l-akkadut. Il-kulpa normali (incosciente), dik tal-prevedibbli, temergi meta fil-kondotta ta' l-agent hemm l-element tan-negligenza, imprudenza, imperizja, jew nuqqs ta' tharis ta' dritt. Il-kulpa l-ohra (cosciente) tirrizulta meta quddim il-kondotta ta' l-agent, l-*

*akkadut dannuz, bhala konsegwenza ghal dik il-kondotta, jidher possibbli, u b' dana kollu, hu xorta jwettaq dak l-agir tieghu bl-isperanza li dak li possibli li jigri, fil-fatt ta' kulpa iktar gravi mill-kulpa normali(incosciente), cjoe` dik tal-prevedibbli imam mhux previs, u dan ghaliex fil-kaz tal-colpa cosciente, dak tal-previst, hija vicin hafna ta'; u tikkonfina mad-doluz, il-volut. Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn atti ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non-osservanza ta' ligijiet, regolament, ordnijiet u simili: L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli; In-negligenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli; In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkortezza ta' l-agent fil-konbdotta tieghu; L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali, cioe, kif jghid il-Manzini: "inettitudine e insufficienza professionale generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto.": Il-kulpa tista' tkun dovuta ukoll ghal non-osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta'regoli predisposti mill-awtorita' pubblika dwar xi attivita' determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita' ta'hsara u dannu lil terzi, cioe', dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni, bhal ma hi, f'dan il-kaz odjern, l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101).*

*Taht dawn il-forom ta'kondotta kolpuza sia minhabba imprudenza, negligenza, u imperizja, sia minhabba nuqqas ta'osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, hemm differenza essenzjali, dik tal-prevedibilita'. Il-prevedibilita' tibqa essenzjali taht kull forma ta'kulpa, izda fi gradi differenti. Hi tibqa dejjem il-nota saljenti f'kull forma ta'kondotta kolpuza, izda ghandha gradi differenti f'kull kaz ta'imprudenza, negligenza u imperizja, mentre hija <u>prezunta</u> fil-forma l-ohra fejn si tratta ta'reati minhabba non-osservanza ta'ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili. F'dawn il-kazijiet mhux possibbli jew ammess lill-agent li jressaq prova ghal kuntrarju. Hija hawnhekk prezunzjoni assoluta. Ma jistghax l-agent jghid li dak l-event dannuz li gara minhabba in-nuqqas ta'osservanza da parti tieghu ta' xi regolament ma kienx wiehed prevedibbli ghalih. Kif jghidu diversi awturi, dan hu kaz fejn dan l-element tal-prevedibilita' tal-legislatur qed jissosstitwixxi dik ta' l-*

*agent. Hu precizament ghalhekk li kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta voluntarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat bl-uzu ta'attenzjoni jew prudenza fi grad ta'persuna normali.*

18. Fl-umli fehema tal-esponent, dawn il-kriterja gew sodisfatti f' dan il-kaz, in kwantu l-imputat appellat kien konsapevoli mir-riskji li kien hemm fil-kaz li t-traffiku mid-direzzjoni opposta ma jigix maghluq bl-assistenza tal-forzi tal-ordni. Biss dawn il-prekawzjonijiet ma hadhomx.

19. Fil-kawza "Il-Pulizija vs Tarcisio Fenech" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Marzu, 1998 gie deciz illi:

*"Biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika -- cioe' l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari -- tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.*

*L-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem "nuqqas ta' hsieb", "traskuragni", u "nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni", fil-waqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem "nuqqas ta' tharis ta' regolamenti". Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti il-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi ukoll ghal dawk ir-regolamenti promulgati minn enti privati (per ez., ir-regolamenti infassra minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull minn jahdem jew jidhol f'dik il-fabbrika)."*

20. L-esponent itenni li fic-cirkostanzi tal-kaz, kien jinkombi fuq l-imputat appellat sabiex, fl-ahhar mill-ahhar jiehdu dawn il-mizuri u prekawzjonijiet hawnhekk imsemmija bil-ghan li jevita li l-interessi tal-ohrajn jigu ppregudikati.

21. Principji simili ghew imsemmija fil-kawza “Il-Pulizija vs Richard Grech” deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-21 ta’ April, 1996. Hawnhekk il-Qorti tal-Appell Kriminali tenniet li:

*“Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involuntarju skond l-artikolu 225 tal-Kodici Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f’ nuqqas ta’ hsieb (“imprudenza”), traskuragni (“negligenza”), jew ta’ hila (“imperizja”), fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament f’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti – li tkun segwita, b’ness ta’ kawzalita`, minn event dannuz involontarju., Ghandu jigi permess illi, ghall-accertament tal-htija, minhabba f’ kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma dik ta’ persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-bonuspaterfamilias, dik il-kondotta, cioe`, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta’ intelligenza, diligenza u sensibilita` normali; kriterju dan, li filwaqt li jservi ta’ gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallih, fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. Biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa, wiehed irid izomm f’mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita` diretta ghal xi fini partikolari tista` taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika – cioe, l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta’ kategorija ta’ nies li jesplikaw attivita` partikolari – tghallem li f’dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interess ta’ l-ohrajn jigu pregudikati.”*

22. Fl-umli fehma tal-esponent hawnhekk kien hawn karenza ta’ dik il-prudenza u diligenza mehtiega mill-bonus paterfamilias.

23. Fil-kaz “il-Pulizija vs Joseph Busuttil, Ludovico Vella u Carmelo sive Charles Camilleri” deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta’ Novembru, 1992, dik il-Qorti tenniet li:

*“Il-persuna responsabbli mit-tmexxija tax-xoghol fuq il-post tax-xoghol hi tenuta tiehu l-prekawzjonijiet necessarji fic-cirkostanzi u dettati mir-raguni biex tigi evitata dizgrazzja u dan indipendentement minn kull ordni li jista` jew le jigi moghti lilha. Il-fatt li f’tarf it-triq kien hemm sinjal ta’ “no entry” ma jiskuzax lill-imputati. Il-kontributorjeta’*

*tas-sinistrat, bin-negligenza tieghu u l-inosservanza tar-regolament, ma tiskolpax lill-appellati mir-responsabbilita' kriminali taghhom; tigi biss ikkunsidrata fl-applikazzjoni tal-piena. In-nuqqas ta' prekawzjoni ovvja ghal perikolu tant ovvju jindika li ghandha tigi applikata l-piena ta' prigunerija u mhux ta' multa"*

24. F' dan il-kaz, l-esponent itenni li kien l-imputat appellat li kien il-persuna responsabbli mit-tmexxija tax-xoghol li kellhom jaghmlu D'Agatha u shabu. Apparti minn hekk il-kontributorjeta ghall-incident da' parti ta' D'Agatha ma tiskolpax lill-imputat appellat mir-responsabilita tieghu.

25. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) tenniet li skond il-kaz "Il-Pulizija vs Manwel Xerri" deciza fit-28 ta' Frar, 2002 mill-Qorti Kriminali, ir-responsabilita` tal-Imputat appellat kellha tigi eskluza. F' dan il-kaz gie deciz is-segwenti:

*'Il-kwistjoni tar-responsabilita minhabba negligenza f'materja kriminali hija pjuttost difficli; pero` jidher li wiehed jista' b'sikurezza jennungja l-principju illi meta persuna, bla ma tiehu l-prekawzjonijiet mehtiega, taghmel volontarjament att fih innifsu perikoluz ghall-hajja tan-nies, u tigi b' dak l-att maqtula persuna ohra, allura dik il-persuna tkun hatja ta' omicidju involontarju. Huwa veru s-semplici inavvertenza mhix bizzejjed biex tirradika ir-responsabilita kriminali; hu veru wkoll li s-semplici trasgressjoni tal-ligi tonqos hija bizzejjed ghal dan l-iskop; u huwa veru wkoll li l-grad ta' diligenza li hu sufficjenti ghal-finijiet civili ma hux tali ghall-finijiet ta' l-imputabilita` kriminali; imma dawn il-kunsiderazzjonijiet ma jiswewx lill-imputat jekk fil-kaz partikulari, huwa jkun hati ta' "recklessness". Lanqas ma tiswa bhala skriminanti n-negligenza kontributgroja tal-vittma, jekk ma jirrizultax li kien hemm xi att tal-vittma li kkaguna, l-mewt taghha, indipendentment min-negligenza ta' l-imputat. Imma dik l-istess negligenza kontributa tal-vitta ma ghandiex tigi trazandata ghall-finijet ta' irrogazzjoni ta' piena; ghaliex ghandha ssir distinzjoni bejn min jaghmel att perikoluz li bih joqtol persuna ohra, bla ma dik il-persuna l-ohra tkun bla mod ikkontribwiet biex tpoggi ruha fil-perikolu, u tkun ghalhekk vittma inkoxxjenti ta' dak l-att perikoluz, u l-kaz ta' min b' att perikoluz jikkaguna l-mewt ta' persuna li tkun volontajrament b'ghajnejha mitfuha, poggiet ruhha f' dak il-perikolu, liberament – persun ta' l-eta' tad-dizzerniment,*

*li ma kienet taht ebda obligazzjoni li tesponi ruhha ghal dak il-perikolu, la ta' impjieg, la ta' dipendenza, u lanqas ta' hag' ohra. L-istess principji jirregolaw ir-responsabilita' kriminali dwar id-danni, jekk l-att perikoluz li jkun ikkaguna l-mewt tal-vittma jkun anki ikkaguna d-danni".*

26. Bid-dovut rispett dawn il-principji jkomplu jsahhu r-responsabilita` tal-imputat appellat ghall-akkadut. Anzi jishqu l-fatt li s-sinistrat ikun ikkontribwixxa attivament ghall-akkadut, ir-responsabilita tal-imputat appellat xorta tibqa ezistenti, ghalkemm tista` tittiehed mill-Qorti in konsiderazzjoni f' kaz ta' erogazzjoni tal-piena konsegwenti sejbien ta' htija.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fit-22 ta' Marzu, 2003 l-appellat Peter Stroud kien qed jidderiegi filmat ta' episodju tas-sensiela televisiva "F'Bahar Wiehed" fi Triq St.Andrew's limiti ta' San Giljan quddiem il-pompla tal-petrol tal-Wembley. F'dan l-episodju kellhom jiehdu parti tliet sewwieqa fuq tliet muturi, Simon Attard fuq quddiem li kien qed isuq mutur Suzuki GSR 1100 bin-numru tar-registrazzjoni LAF 287, warajh il-vittma Marco D'Agata b'mutur Honda 1100 bin-numru tar-registrazzjoni YES 011 u wara mutur iehor misjuq minn Julian Tabone. L-istruzzjonijiet ta' l-appellat kienu li dawn it-tliet sewwieqa kellhom ikunu fit-triq isuqu wara xulxin b'mod normali mbaghad jingibdu filmat taghhom diehel fil-car park maghruf bhala tal-Luxol. L-idea kienet illi t-tliet muturi kellhom jidhru qiesu qeghdin itellqu, izda l-appellat ghamilha cara illi dan ma kellux isir u din it-tellieqa kellha tkun simulata bit-tliet vetturi misjuqa b'mod normali skont ir-regolamenti tat-traffiku ta'dik it-triq. Simon Attard issuggerixxa illi tinghalaq it-triq u wara illi dan gie diskuss bejn it-tlieta li huma u l-appellat gie deciz illi din ma kelliex ghalfejn issir la ma kienux se jsuqu aktar milli suppost u skont ir-regolamenti tat-traffiku.

Gara pero' illi waqt li t-tliet muturi kienu tilghin fi Triq St. Andrew's fid-direzzjoni ta' Bahar ic-Caghaq u qabel ma daru lejn il-lemin ghal gol-Luxol, Marco D'Agata fuq il-mutur tieghu Honda 1100 baqa' diehel fuq ir-rota tal-mutur

ta’ quddiemu misjuq minn Simon Attard. Konsegwenza ta’ dan D’Agata tilef il-kontroll tal-mutur u bil-momentum li kien ghaddej biha baqa’ sejjer ghan-naha l-ohra tat-triq fejn spicca taht karozza tal-marka Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni BBK 195 u miet fuq il-post. F’Sentenza moghtija fis-6 ta’ Mejju, 2011 (fol 177) il-Qorti tal-Magistrati ma sabitx lill-appellat hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu u lliberatu, pero’ l-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-Sentenza ghax deherlu li kienu jezistu provi bizzejjed biex juri certa rresponsabilta minn naha ta’ l-appellat illi huwa ma qaghadx ghal parir ta’ Julian Tabone u ghalaq it-triq.

Ikkunsidrat.

L-Avukat Generali fl-appell tieghu argumenta illi l-appellat bhala direttur jew producer tal-filmat naqas illi jiehu l-mizuri necessarji biex jassigura l-inkomulita ta’ l-atturi li kienu qeghdin isuqu l-mutur. Suppost ma kellu jkun hemm ebda periklu ghax kieku verament kellha ssir sumilazzjoni ta’ tellieqa u mhux tellieqa veru ma kienx isir xejn. Veru illi l-vittma kien negligenti fis-sewqan tieghu u ghadu jerfa fattur kontrobutorju ghal mewt tieghu, pero’ xorta wahda jibqa responsabli l-appellat peress illi huwa seta’ jipprevedi dak li se jigri u ma hax il-mizuri necessarji sabiex jaghlaq it-triq u jassigura li ma jkunx hemm periklu ghall-atturi tieghu.

Ikkunsidrat.

L-ewwel nett il-Qorti trid taghmilha cara x’inhuma l-kriterji illi tadopera sabiex issib persuna responsabbli kriminalment ghal mewt involontarju ta’ persuna ohra u hawn hekk il-Qorti sejra tirriproduci dak illi qal l-Archbold fil-ktieb awtorevoli “Criminal Pleading, Evidence and Practice”. Dan l-awtur jghid: “*Where death results in consequence of a negligent act, it would seem that, to create criminal responsibility, the degree of negligence must be so gross as to amount to recklessness. . . . probably, of all the epithets that can be applied “reckless” most nearly covers the case. . . . but whatever epithet be used, and whether an epithet be used or not, in order to*

*establish criminal responsibility, the facts must be such that . . . . the negligence of the prisoner went beyond a matter of compensation between subjects and showed such disregard for the life and safety of others as to amount to a crime against the state and conduct deserving punishment. . . .”*. Quindi din il-Qorti trid tkun sodisfatta biex issib htija illi l-agir ta’ l-appellat kien tali illi wera “*such desregard for the life and safety of others as to amount to a crime against the state and conduct deserving punishment”*.

Fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Tarcisio Fenech appell 26 ta’ Marzu, 1998 il-Qorti qalet fost affarijiet ohra “Kif jispjega il-gurista Taljan Francesco Antolisei biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f’mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita diretta ghal xi fini partikulari tista’ taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi, l-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika - cioe’ l-esperjenza komuni ghal bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta’ kategorija ta’ nies li jesplitaw attivita partikulari – tghallem li f’dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certa prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta’ l-ohrajn jigu pregudikati.” Jekk wiehed jabbina dak li jghalem l-Archbold ma dak illi qalet din is-sentenza l-attivita ta’ l-appellat tirid tkun b’tali mod illi fl-esperjenza tieghu bhala persuan teknika kellhu jiehu certa prekawzjonijiet bl’ghan li jevita li l-interessi ta’ terzi jigu pregudikati. Il-Qorti trid tara jekk dawn il-prekawzjonijiet ittehdux jew jekk ittiehdu min kien li abbuza minnhom.

Ikkunsidrat.

L-appelat ried jigbed xena partikulari ta’ tleit muturi dehlin fil-grounds tal-Luxol. Peress illi l-attur principali ta’ dik is-sensiela ma kienx jaf isuq mutur, l-appellat inkariga tliet nies kompetenti fis-settur sabiex isuqu dawn il-muturi flok l-attur principali. Il-ftehim kien illi l-muturi kellhom jinstaqu wara xulxin bi speed normali minghar ma jkun hemm sorpassi u t-tliet muturi jingibdu dehlin fil-Luxol. Izda gara illi Marco D’Agata ma zammx skont dawn l-istruzzjonijiet u accellera biex jaqbez il-mutur ta’ quddiemu li kien misjuq minn Simon Attard. Waqt li kien qed jaghmel din il-

manuvra mhux awtorizzata u lanqas prevista, D'Agata baqa' diehel fuq ir-rota ta' wara tal-mutur ta' quddiemu, tilef il-bilanc tal-mutur tieghu, waqa', tkaxkar u baqa' sejjer fuq in-naha l-ohra tat-triq ghal go Ford Escort illi kienet tinstaq id-direzzjoni opposta. Dina ma kelliex tkun xi stunt partikulari u lanqas ma kellha tinvolvi xi hila specjali oltre dak normali illi jkollu sewwieq mdorri fuq muturi ta' certa sahha. Gie eskluz kategorikament illi dawn it-tliet muturi kellhom itellqu ma xulxin u l-impressjoni tat- tellieqa setghet issir wara, waqt l-editing tal-filmat, imma mhux dak il-hin illi kien qed jingibed il-filmat. Veru illi Julian Tabone, t-tielet sewwieq kien issuggerixxa illi tinghalaq it-triq, pero' wara diskussjoni bejniethom ilkoll u peress illi ma kienx ser isir xi sewqan oltre dak normali gie deciz illi dan ma kienx hemm ghalfejn isir u l-Qorti wkoll jidhrilha illi dan il-kuntest ta' sewqan normali zgur illi ma kienx ikun hemm ghalfejn taghlaq it-triq ghax inkella nasslu fl-assurd illi kull fejn jinstaq mutur b'mod normali taghlaq it-triq biex zgur ma jkunx hemm periklu ghas-sewwieq !

Jekk kien hemm xi periklu dana gabu l-istess Marco D'Agata meta minghar ma ta pre avviz lil hadd b'decizjoni unilaterali tieghu ghazel illi jaghmel sorpass tal-mutur quddiemu misjuq minn Simon Attard. Kienet propju din il-manuvra mhux awtorizzata ta' Marco D'Agata illi gabet il-mewt tieghu u l-appellat Peter Stroud ma kellu l-ebda mezz sabiex jipprevedi illi D'Agata ma kienx ser joqghod ghall-istruzzjonijiet tieghu. L-obligazzjoni ta' Stroud kienet illi huwa jimpjega nies kompetenti in materja u fil-fatt hekk ghamel, meta ra illi l-attur principali tas-sensiela ma kienx kapaci jsuq mutur, impjega nies kompetenti f'dan is-settur sabiex jassigura illi ma jkunx hemm incidenti u ma jwegga hadd. Ma kellu l-ebda mezz jipprevedi illi Marco D'Agata ma kienx se joqghod ghall-istruzzjonijiet tieghu liema struzzjonijiet li kieku gew segwiti zgur a kien jinqala xejn.

Bhala persuna ta' esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplitaw attivita partikulari l-Qorti hija tal-fehma illi l-appellat ha l-mizuri kollha necessarji biex jassigura l-inkollumita ta' terzi u stante l-procedura ad operata minnu u l-istruzzjonijiet moghtija minnu ma kellux ikun hemm periklu ghal hadd. Kienu biss meta dawn l-istruzzjonijiet

gew injorati illi sar incident u ta' dan zgur m'ghandux jahti l-appellat. Li kieku kienet ser issir xi stunt ta' hila partikulari jew inkella xi sewqan mhxu normali allura l-Qorti tifhem illi kellhom jittiehdu certa prekawzjonijiet u tinghalaq it-triq, imma l-Qorti ma tarax illi dawn il-prekawzjonijiet setghu jittiehdu f'sitwazzjoni fejn la kien hemm stunt u lanqas ma kien hemm sewqan mhux ordinarju u l-appellat ma jistax jigi ccensurat il ghaliex f'dawn ic-cirkostanzi ma ordnax jew ma applikax ghall-gheluq tat-triq.

Kif ga inghad, il-Qorti ssib illi dan l-incident kien tort esklussiv ta' l-istess Marco D'Agata illi unilitarment u minghajr pre avviz ma qaghadx ghall-istruzzjonijiet ta' l-appellat u ghamel manuvra mhux awtorizzata b'tali mod illi tilef il-kontroll tal-mutur tieghu u gab l-istess konsegwenzi fatali fuqu nnifsu. L-agir ta' l-appellat kien wiehed ezemplari, impjega nies kompetenti sabiex isegwu dik ix-xena partikulari, ta struzzjonijiet sabiex jassiguraw l-inkollummita tal-utenti kollha tat-triq inkluz, specjalment, l-atturi illi kienu qeghdin isuqu l-muturi. Dan il-kompartament zgur li ma weriex "*such disregard for the life and safety of others . . .*", anzi propju l-oppost, l-agir ta' l-appellat wera illi huwa persuna responsabbli u verament kien qed jahseb ghal hajja u l-inkolummita tal-persuni illi kienu qeghdin jghinuh f'dan il-filmat.

Ghalhekk il-Qorti wara li ghamlet l-apprezzament approfondit tal-provi illi kellha quddiemha l-ewwel Qorti issib illi dik il-Qorti kienet ragunevoli u legali fil-konkluzjoni taghha u ghalhekk mhux il-kaz illi tiddisturba dik id-decizjoni.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appella u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------